# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 5.10

## Kap 5: Ngħinu bil-qalb

## Lezzjoni 5.10: In-nagħġa l-imqarba

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. japprezzaw li Ġesù jagħtina l-maħfra u l-paċi bħala l-ħabib u r-Ragħaj tagħna.
2. jirrevedu l-istorja tan-nagħġa l-mitlufa.
3. jqabblu n-nagħġa l-mitlufa mal-ħajja tagħhom.
4. jifhmu x'iġib miegħu meta nagħmlu li jfettlilna.
5. jifhmu li Ġesù jaħfrilna permezz tal-qassis fil-qrar.

## Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:

- Preżentazzjoni *(power point)* : L-istorja tar-Ragħaj it-Tajjeb biex inqabbluh ma' Ġesù u mas-saċerdot.



- Karta ta' Taħriġ: 5.8 (mill-ktieb)
- Links: In-nagħġa l-mitlufa

  https://www.youtube.com/watch?v=RJ8T0asDtcI

  u

  https://www.youtube.com/watch?v=HZGRubkzUHw

## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Nibdew il-lezzjoni billi naraw il-klipp tan-nagħġa l-mitlufa, li jidher xi ftit umoristiku imma wara rridu noħorġu d-diskussjoni u naraw x'għamel ir-ragħaj man-nagħġa.

  https://www.youtube.com/watch?v=RJ8T0asDtcI

- Għin lit-tfal biex, permezz ta' diskussjoni jifhmu x'inhu ragħaj.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

- Uri l-preżentazzjoni u imxi magħha biex tgħinek fid-diskussjoni.
- Spjega li  l-istorja tan-nagħġa l-mitlufa u r-ragħaj it-tajjeb kif tinsab fl-Evanġelju.



- Iddiskuti min hu r-ragħaj tagħna.
- Naraw Ġesù lil min ħalla floku biex ikunu r-rgħajja tagħna.
- Is-saċerdot jaħfrilna d-dnubiet f'isem Ġesù.
- Asal għall-punt fejn naraw x'rabta hemm bejn is-Sagrament tal-Qrar u l-Ewkaristija.
- Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 5.8 u wara li tispjega s-silta, irrevedi l-parabbola u stieden lit-tfal ipoġġu l-istorja fl-ordni t-tajjeb.
- Stieden lit-tfal isibu t-triq f'Attivita 2 biex jaslu għand ir-ragħaj.
- Iddiskuti Attività 3 u enfasizza l-punt li tajjeb li aħna għandna nagħmlu kollox f'ħinu u f'waqtu u ma niskartaw xejn.

- Spiċċa l-lezzjoni bid-DVD l-ieħor tan-nagħġa l-mitlufa

[https://www.youtube.com/watch?v=HZGRubkzUHw](https://www.youtube.com/watch?v=HZGRubkzUHw)

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)




1. Ragħaj kellu mitt nagħġa.
2. Darba tilef waħda.
3. Ħalli 99 fil-maqjel u u ħareġ ifittixha.
4. Dam ifittex, imma fl-aħħar sabha u tgħidx kemm feraħ!
5. Meta nagħmlu ta' rasna inkunu bħal dik in-nagħġa.
6. Ġesù jaħfrilna dejjem permezz tal-qrar.
7. B'qalbna nadifa minn kull dnub, nilqgħu lil Ġesù ġo fina fl-Ewkaristija.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li jifhmu li biex jgħixu fil-paċi jridu jemmnu dak li qalilhom Ġesù.



**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

- Links: In-nagħġa l-mitlufa

https://www.youtube.com/watch?v=RJ8T0asDtcI

https://www.youtube.com/watch?v=HZGRubkzUHw



**Nitolbu:**



O Ġesù, nitolbuk għas-saċerdoti tagħna.

Għinhom fil-missjoni li afdajtilhom f'idejhom

biex jieħdu ħsiebna sew ħalli jressquna

aktar lejk.